MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-15 ta' April, 2003

Numru 317/2003

Il-Pulizija
(Sp Marthese Micallef u
Sp Mario Bonello)
vs
Justin Said, iben Joseph,
imwieled Attard fis-16 ta'
awissu, 1976

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fit-13 ta' april, 2003 f'Ta' Qali, limiti tar-Rabat għal ħabta tal-5.00 p.m. –
1. attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti;
2. inġurja jew hedded persuna ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun qed jagħmel jew minħabba li jkun għamel dak is-servizz, jew bil-ħsieb li

jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
3. bla ordni skond il-liġi ta’ awtorita’ kompetenti, żamm lil Anne Marie Scicluna kontra l-volonta’ tagħha;
4. ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħalliehx jew fixklu waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b’xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b’liġi jkun ordnat jew jista’ jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-liġi;
5. hedded u inġurja lill-istess Anne Marie Scicluna;
6. saq il-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni HAH 521, mingħajr liċenzja valida u b’hekk ma kienx kopert b’polza tas-sigurta’ dwar riskji għal terżi persuni;
7. saq l-imsemmija vettrua, bin-numru tar-reġistrazzjoni HAH 521, taħt l-influwenza tal-alcohol;
8. għad li kien xurban qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indeċenti;
9. kiser il-paċi pubblika u il-bon ordni.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ april, 2003 fejn fost dokumenti oħra ġie eżebit
il-‘breathalyzer test’ li jikkonferma li l-imputat ma kienx qed isuq il-vettura hawn fuq imsemmija taħt l-influwenza tax-xorb.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ april, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha ħlief dik tas-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, jiġifieri l-akkuża numru 7.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tas-seba’ akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn din l-akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 86, 95(1), 96, 338(bb)(dd)(ee), 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 3(1)(2)(a) tal-

Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Tikkundannah għal sena priġunerija iżda wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li tali sentenza ma għandhiex isseħħ ħlief jekk fi żmien erba' snin mil-lum l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija. Inoltre, tordna lill-imputat li jħallas multa ta' mitejn u ħamsin liri maltin (Lm250).

--------------------------------TMIEM--------------------------------